MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 467/2000/1

Louis **FARRUĠIA** eżerċenti l-kummerċ bl-isem *The Dolphin Forge*

vs

**S & R (ĦANDAQ) LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta’ Marzu, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur talab li l-Qorti (i) issib li ż-żebgħa tal-għamla *Black Matt Quick Air Dry* tal-marka “*Kremlin*” lilu mibjugħa mill-kumpannija mħarrka ma kenitx tal-kwalita’ mwiegħda; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi tqabbad periti għal dan il-għan, d-danni mġarrbin minnu minħabba li ż-żebgħa konsenjata ma riedet tinxef b’xejn u kellu jerġa’ jagħmel ix-xogħol kollu

mill-ġdid; u (iii) tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallsu l-prezz taż-żebgħa li huwa xtara mingħandha flimkien mas-somma hekk likwidata bħala kumpens għad-danni minnu mġarrba. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet kummerċjali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-7 ta' April, 2000, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li ż-żebgħa li biegħet lill-attur kienet tal-kwalita' miftehma, u għalhekk, it-talba għall-ħlas tad-danni ma jmisshiex tintlaqa';

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Ottubru, 2000[1], li bih ħatret lil Dottor Maurice Grech bħala perit tekniku biss biex jeżamina ż-żebgħa u jgħid jekk il-kwalita' ta' dik iż-żebgħa hijiex idoneja;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Frar, 2003[2], li bih ħalliet il-kawża *sine die* fuq talba tal-kumpannija mħarrka, ladarba ma kienet saret l-ebda seduta mill-perit tekniku maħtur;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Marzu, 2003[3], li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tat-13 ta' Frar, 2003, reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2005[4], li bih bidlet il-perit tekniku billi ħatret minn floku u fuq suġġeriment tal-attur lill-Professur Alfred J. Vella, liema ħatra nbidlet mill-ġdid fuq talba magħmula mill-istess Professur Vella b'rikors tiegħu tal-1 ta' Novembru, 2005, li bih talab li jkun meħlus mill-ħatra mogħtija;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Frar, 2006[5], li bih ħatret lill-Professur Joseph N. Grima bħala perit tekniku sostitut;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit tekniku fit-3 ta' Mejju, 2007[6], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tas-7 ta' Novembru, 2007;

---

[1] Paġ. 23 tal-proċess
[2] Paġ. 31 tal-proċess
[3] Paġ. 33 tal-proċess
[4] Paġ. 44 tal-proċess
[5] Paġ. 50 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka fis-16 ta' Novembru, 2007, li biha talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat it-tweġibiet[7] mogħtija mill-perit tekniku għall-mistoqsijiet magħmulin lilu bħala xhud imressaq miż-żewġ partijiet in eskussjoni, u semgħet lill-istess perit jixhed quddiemha[8];

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' April, 2009[9], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u, fuq talba tal-avukati tal-partjiet, tat żmien biex it-trattazzjoni tal-għeluq issir bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-8 ta' Ġunju, 2009[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-3 ta' Awissu, 2009[11], bi tweġiba għal dik imressqa mill-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar bejgħ ta' ħaġa li qiegħed jingħad li ma kenitx tal-kwalita' miftehma. L-attur imexxi ditta li tagħmel xogħol tal-ħadid u li xtara żebgħa mingħand il-kumpannija mħarrka biex jużaha fuq għamajjar li huwa tqabbad iforni b'appalt minn żewġ lukandi ewlenin. Meta l-attur ikkonsenja l-għamara, l-bċejjeċ instabu mwaħħlin

---

[6] Paġġ. 118 sa 140 tal-proċess
[7] Paġġ. 145 – 6 u 173 – 6 tal-proċess
[8] Paġġ. 147 u 193 – 7 tal-proċess
[9] Paġ. 200 tal-proċess
[10] Paġġ. 201 – 5 tal-proċess
[11] Paġġ. 208 sa 225 tal-proċess

ma' xulxi u ż-żebgħa bdiet tinqala'. Ix-xogħol kellu jittieħed lura u jinżeba' mill-ġdid wara li nbarax u tneħħiet iż-żebgħa mixtrija mingħand il-kumpannija mħarrka. Huwa jrid il-flus lura u wkoll li jitħallas għad-danni li ġarrab biex ix-xogħol kellu jsir mill-ġdid;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "S&R") laqgħet billi qalet li ż-żebgħa li xtara l-attur kienet tal-kwalita' miftehma u għalhekk m'għandhiex tagħmel tajjeb għal xi danni li sata' ġarrab, u li hi tgħid li ġraw minħabba l-mod kif l-attur applika ż-żebgħa u mhux minħabba xi difetti fiha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti marbuta mal-każ</u> joħroġ li l-attur imexxi stabbiliment speċjalizzat bħala forġa ta' xogħol maħdum fil-ħadid. F'xi żmien lejn l-aħħar tal-1998 id-ditta tal-attur ingħatat żewġ appalti minn żewġ lukandi ewlenin biex ifornihom b'xogħol fil-*ferrobattuto* miżbugħ. Lukanda minnhom riedet elf sitt mija u sebgħin (1,670) biċċa għamara tal-ħadid miżbugħa, filwaqt li l-oħra riedet mas-sitt mija u sebgħin (670) biċċa oħra;

Illi kien iben l-attur li innegozja ma' S&R[12] u spiċċa xtara madwar ħames mija u ħamsa u sebgħin (575) kilogramma ta' żebgħa tal-għamla *JAXA black semi-matt quick air dry electrostatic* mingħandha bejn Novembru tal-1998 u Marzu tal-1999[13], wara li f'Novembru kien ħa kampjun ta' għoxrin (20) litru biex jippruvaha[14]. S&R tgħid li l-bqija tal-partiti ta' żebgħa biegħethom lil klijenti oħrajn tagħha u ħadd minnhom ma lmenta dwar il-kwalita' taż-żebgħa mibjugħa. Iż-żebgħa għamlitha S&R u kien ilha tipproduċiha sa mill-1984[15]. Iż-żebgħa mixtrija mill-attur jidher li kienet minn żewġ taħlitiet ("*batches*") li S&R għamlet f'Novembru tal-1998 (taħlita numru 39) u fi Frar tal-1999 (taħlita numru 40 u li kienet immarkata bin-numru "702029" fuq il-patalotti rispettivi)[16];

---

[12] Xhieda ta' Daniel Farruġia 13.10.2006, f'paġ. 109 tal-proċess
[13] Dokti "GB1" sa "GB15", f'paġġ. 58 sa 72 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Gregory Brincat 31.8.2006, f'paġġ. 54 – 5 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Mario Brincat 5.9.2006, f'paġ. 79 tal-proċess
[16] Dok "R1", f'paġ. 83 tal-proċess

Illi iben l-attur applika ż-żebgħa permezz ta' *electrostatic spray gun* li nxtara minn kumpannija oħra sussidjarja ta' S&R. Inqalgħu xi problemi dwar xi ċarċir li beda jidher fuq ix-xogħol li jkun inżeba'. L-attur bagħat għal S&R biex jaraw l-ilment. Rappreżentant ta' S&R u wkoll tad-ditta li għamlet l-i*spray gun* kienu marru fil-forġa u wrew kif kellu jintuża l-*gun* għal riżultat aħjar;

Illi l-attur kien ingħata żminijiet qosra biex jikkonsenja x-xogħol li tqabbad jagħmel. Meta ngħatat iż-żebgħa, l-għamara nżammet xi żmien f'maħżen tal-attur biex tinxef. Meta l-għamara twasslet fil-post li kien maħsub li titqiegħed, ħareġ li ż-żebgħa bdiet teħel mal-*cushioning* protettiv li jintuża biex l-għamara ma ssirilhiex ħsara waqt il-ġarr. Ix-xogħol kellu jitreġġa' lura fil-forġa, fejn tneħħiet iż-żebgħa bit-tqaxxir u l-*blasting*, u l-kisi mill-ġdid b'żebgħa ogħla li l-attur kellu jixtri mingħand ħaddieħor. F'każ minnhom, waħda mil-lukandi ma ħallsitux, għaliex waħħlitu l-penali għad-dewmien li kien jiswa daqs il-prezz tax-xogħol mogħti[17];

Illi f'Marzu tal-1999, l-attur kiteb lil S&R biex jilminta minn dak li ġara u waħħal fil-kwalita' taż-żebgħa li kienet biegħetlu w żammha responsabbli għad-danni mġarrba[18]. Ħmistax wara, S&R weġbitu billi bagħtet ittra biex twarrab l-ilmenti kollha li l-attur kien għamel dwar il-kwalita' taż-żebgħa[19], u b'ittra oħra biex titolbu jħallasha l-bilanċ li kien għadu dovut[20]. L-attur ma aċċettax l-ispjegazzjoni li tatu S&R u reġa' tenna t-talba tiegħu biex hija tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab[21] F'Mejju tal-1999, l-attur interpella lil S&R b'ittra uffiċjali u f'Marzu tal-2000 fetħilha l-kawża tal-lum;

Illi l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> dwar il-każ jinbnew fuq il-qafas tal-kuntratt li kien jeżisti bejn l-attur u l-kumpannija mħarrka. In-negozju bejn il-partijiet kien wiegħed ta' kuntratt ta' xiri u bejgħ. L-azzjoni attriċi hija mibnija fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili li

[17] Xhieda tal-attur 13.10.2006, f'paġ. 108 tal-proċess
[18] Dok "B1", f'paġ. 6 tal-proċess
[19] Dok "B3", f'paġġ. 8 – 9 tal-proċess
[20] Dok "B2", f'paġ. 7 tal-proċess
[21] Dok "B5", f'paġ. 11 tal-proċess

jgħid li jekk oġġett li l-bejjiegħ iġib ma jkunx tal-kwalita' miftehma, x-xerrej għandu l-jedd li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew li jilqa' l-ħaġa bi prezz imnaqqas. F'dan il-każ, il-qofol tal-ilment tal-attur jirrigwarda ż-żebgħa mibjugħa u mhux it-tagħmir li bih kellha tkun applikata (jiġifieri l- *electrostatic spray gun*). Dan qiegħed jingħad għaliex, minkejja li fl-ewwel talba tissemma żebgħa tal-marka "*Kremlin*", mill-atti joħroġ li ż-żebgħa (li S&R innifisha kienet tipproduċi) kienet iġġib l-isem "*JAXA*", filwaqt li "*Kremlin*" kien l-isem tad-ditta li għamlet l-"*electrostatic spray gun*"[22]. Għalhekk, issa li tneħħa kull dubju dwar l-ismijiet involuti, l-Qorti sejra tqis li l-azzjoni attriċi (u t-talbiet tagħha) tirreferi biss għaż-żebgħa u mhux għall-i*spray gun* ukoll;

Illi l-ilment ewlieni tal-attur hu li ż-żebgħa ma kenitx tinxef u tagħqad mal-wiċċ li tkun inżebgħet fuqu u kienet tibqa' twaħħal b'mod li tinqala' wkoll wara li jkun għadda ħafna żmien minn meta kienet applikata ma' dawk l-uċuh. Min-naħa tagħha, S&R titfa' l-ħtija fuq il-mod kif l-attur (jew il-lavranti tiegħu) applikaw iż-żebgħa u fuq iż-żamma tal-post fejn sar ix-xogħol (tallega li l-forġa kienet nieqsa mill-ventilazzjoni u miżmuma fi stat maħmuġ b'mod li ż-żebgħa kienet titniġġes jew ma tkunx imrewħa biżżejjed biex tista' tinxef kif mistenni). Issemmi wkoll li l-attur kien talabha żebgħa "aktar ekonomika miż-żebgħa li s-soltu jixtri mingħandna"[23];

Illi huwa stabilit sewwa li meta l-ħaġa mibjugħa ma tkunx dik tal-kwalita' miftehma, wieħed ma jistax jitkellem dwar vizzju redibitorju, imma ta' każ ta' nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt li m'għandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji[24]. Iż-żewġ azzjonijiet ma joqogħdux flimkien, u dan sewwasew minħabba l-kawżali inerenti għal kull waħda minnhom, u kif ukoll għar-rimedji partikolari mogħtija lix-xerrej taħt kull waħda;

Illi għalhekk huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'inhi n-natura tal-azzjoni mibdija mill-attur. Jidher bla ebda dell

[22] Ara Dok "GB16", f'paġ. 73 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Mario Brincat 5.9.2006, f'paġ. 77 tal-proċess
[24] App. Ċiv. **16.2.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs Hirst noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.163**) u App. Ċiv. **27.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Grima*** (Kollez. Vol: **XLI.i.341**)

ta’ dubju, kemm mill-premessi tal-Att taċ-Ċitazzjoni u kif ukoll mill-għamla ta’ provi mressqa matul is-smigħ tal-kawża u għall-konsiderazzjonijiet tal-perit tekniku, li dik magħżula mill-attur hija azzjoni taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, joħroġ li l-bażi vera tal-azzjoni attriċi hija l-azzjoni kuntrattwali u mhux dik edilizja, jew kif ukoll magħrufa, l-azzjoni tal-garanzija;

Illi fil-qasam tal-azzjonijiet kuntrattwali, mbagħad, jeżistu tliet għamliet ta’ azzjoni miftuħa lix-xerrej: (a) l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba nuqqas ta’ twettiq tal-kuntratt mill-parti l-oħra (l-azzjoni tal-annullament); (b) l-azzjoni tar-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew żball fuq is-sustanza jew il-kwalitajiet essenzjali tal-ħaġa; jew (ċ) l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 1390, fejn il-ħaġa ma tkunx tal-kwalita’ miftehma. Fil-każ ta’ kull waħda mill-aħħar żewġ għamliet ta’ azzjoni, jekk jintlaqgħu, l-effett ikun li kollox jerġa’ lura għall-istat li kien qabel il-bejgħ[25];
Illi joħroġ mil-liġi wkoll li x-xerrej li jingħata ħaġa li ma tkunx tal-kwalita’ miftehma mal-bejjiegħ jew li ma tkunx taqbel mal-kampjun, għandu żewġ għażliet: jew li ma jaċċettax il-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jżomm il-ħaġa u jitlob tnaqqis fil-prezz tagħha. Xerrej ma jistax iżomm il-ħaġa, jinqeda biha mqar għal ftit żmien, u mbagħad, meta jkun imfittex biex iħallas prezzha, jitlob id-danni għan-nuqqas ta’ adempiment[26];

Illi problema li minn dejjem tqanqal f’dawn l-azzjonijiet u l-proponibbilta’ tagħhom huwa dak dwar jekk il-ħaġa mixtrija kinitx konsenjata jew le. Jidher li din il-kwestjoni ġiet solvuta fis-sens li l-azzjoni taħt l-artikolu 1390 tista’ tirnexxi u jista’ jintalab it-tħassir tal-kuntratt, ukoll jekk tkun saret il-konsenja tal-ħaġa, dment li x-xerrej ma jkunx tilef tali dritt bil-fatt tiegħu stess (per eżempju, jekk ikun biegħ il-ħaġa jew ikun biddlilha n-natura tagħha)[27]. Jidher li l-użu tal-ħaġa u l-ilment mingħajr dewmien tax-xerrej lill-bejjiegħ dwar x’ġara waqt tali użu huwa miżmum ukoll

[25] Ara P.A. **10.6.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.959**) u s-sentenzi u riferenzi li jinsabu fiha dwar il-kwestjoni
[26] App. Inf. PS **9.2.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***M.A.S. Communications Ltd vs METCO Ltd***
[27] Ara, per eżempju, P.A. GV **27.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Anastasi Ltd. vs Maresco Trading Ltd.*** (mhix pubblikata)

bħala element siewi biex jgħin lil wieħed jiddetermina jekk l-azzjoni taħt il-kuntratt hijiex miftuħa lix-xerrej[28];

Illi biex il-Qorti tasal għall-fehma jekk huwiex minnu li ż-żebgħa mixtrija mill-attur ma kenitx tal-kwalita' miftehma, hija trid tabilfors toqgħod fuq il-fehmiet u s-sejbien tal-perit tekniku li hija qabbdet. F'dan il-każ, l-oġġett tal-kuntratt kien prodott (żebgħa) li kemm ix-xerrej u kif ukoll il-bejjiegħ kienu jafu minn qabel għal liema skop ried jintuża. L-oġġett tal-kuntratt kienet iż-żebgħa li l-attur xtara u li, mal-użu tagħha, ħarġu elementi li ma ħallewx l-effett maħsub mix-xerrej. Ix-xogħol kollu kellu jerġa' jsir mill-ġdid b'żebgħa oħra. F'materja teknika bħal din fejn għandek prodott kimiku li, min-naħa l-waħda x-xerrej jgħid li ma kienx tajjeb għall-għan li għalih inxtara, u min-naħa l-oħra fejn il-bejjiegħ jgħid li l-prodott kien tal-ogħla *standard* u li l-ħtija kienet it-tħaddim ħażin tal-ħaġa min-naħa tax-xerrej, irid ikun l-għerf u l-ħila tal-perit tekniku li tagħti l-verżjoni tagħha dwar il-fatti tal-kwalita' tal-imsemmija ħaġa;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ma tagħtix wisq affidament għall-argument imressaq minn rappreżentant ta' S&R fl-affidavit tiegħu dwar li l-attur ried żebgħa "bi prezz tajjeb minħabba l-kwantita' ta' xogħol li kellu jagħmel biha". Il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa argument tajjeb ta' bejjiegħ li, biex jiġġustifika li ma biegħx lix-xerrej ħaġa tal-kwalita' miftehma, iwaħħal fit-tiġbid tal-prezz jew iġib l-iskuża li x-xerrej ma riedx jonfoq ħafna. Jibqa' dejjem id-dmir tal-bejjiegħ li, jekk kemm-il darba jkun mgħarraf mix-xerrej x'inhu l-ħsieb li għalih irid jixtri dik il-ħaġa, lix-xerrej ibiegħlu ħaġa li tkun tajba għal dak li x-xerrej iridha, ikun kemm ikun prezzha;

Illi fl-istħarriġ li l-perit tekniku għamel kemm tax-xhieda mressqa quddiemu (magħduda l-provi dokumentali) u kif ukoll billi eżamina xjentifikament u analiżża kampjuni taż-żebgħa wżata mill-attur imqabbla ma' żebgħa oħra bħalha li għamlet S&R fi żmien wara, ħareġ li ż-żebgħa mibjugħa lill-attur kellha viskożita' madwar erba' (4) darbiet anqas

[28] Ara, per eżempju, P.A. DS **15.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Meilaq*** (mhix pubblikata)

milli suppost (fi kliem ieħor, kienet irqieqa) u dan ukoll mad-daqqa t'għajn[29]. Dan minkejja li l-istess perit tekniku ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt li l-kampjun mogħti mill-attur (minn dak li kien fadal mill-ordni oriġinali li huwa xtara mingħand S&R) kien qabeż iż-żmien tiegħu ("*shelf life*") ta' sentejn meta saru l-eżamijiet imsemmija. Il-perit wasal għall-fehma wkoll li, min eżamijiet li huwa għamel tal-patalott minn fejn ittieħed il-kampjun, l-landa kienet għadha ssiġillata u ma setax ikun li kien l-attur innifsu li bagħbas maż-żebgħa billi żidilha t-*thinner* u rattabha, kif S&R tallega li għamel;

Illi meta l-perit applika dik iż-żebgħa meħuda mill-kampjun fuq uċuħ differenti, ġara li fuq kollha kemm huma ż-żebgħa damet qrib xahar biex nixfet sewwa u ma ħalliet l-ebda marki ta' swaba' meta l-uċuħ kienu jintmessu[30]. Dan iż-żmien huwa bil-wisq itwal min-nofs siegħa li S&R kienet qalet lill-attur li ż-żebgħa kellha tieħu biex tinxef li kieku kienet mogħtija kif imiss. Dan jikkuntrasta bil-qawwi mal-kampjun ta' żebgħa friska li S&R tat lill-perit (żebgħa magħmula fl-2006) biex iqabbel riżultat m'ieħor, u fejn din iż-żebgħa l-friska nixfet, kif mistenni minn żebgħa tajba tal-kwalita' tagħha, f'madwar nofs siegħa wkoll meta ngħatat fuq uċuħ b'aktar minn kisja waħda u wkoll biż-żieda tat-*thinner*;

Illi l-perit kompla jgħid li, minħabba li kien għadda żmien ta' 'l fuq minn ħames (5) snin minn fuq iż-żebgħa mibjugħa minn S&R lill-attur meta eżaminaha, ma setax jasal tabilfors għall-fehma li ż-żebgħa mibjugħa ma kenitx tal-kwalita' miftehma. Madankollu, minn aċċertamenti oħrajn li huwa kien wasal biex jagħmel fuq kampjuni oħrajn mgħoddijin lilu minn S&R, żebgħa li jkun għadda żmien fuqha kienet aktar turi li tkun ibbieset (jiġifieri jkollha viskożita' ogħla aktar ma jgħaddi ż-żmien u dan minħabba l-evaporazzjoni tas-solventi li jitħalltu magħha meta ssir) milli tirtab (kif ġara biż-żebgħa mibjugħa lill-attur). Dan wassal lill-perit tekniku jistqarr li "*ż-żebgħa P1999*[31] *ma ġabitx ruħha bil-mod li ġġib żebgħa normali, fatt li huwa*

[29] Relazzjoni, f'paġ. 133 tal-proċess
[30] *Ibid.* f'paġ. 134 tal-proċess
[31] L-isem li huwa ta lill-kampjun taż-żebgħa meħud minn landa żebgħa li kienet nbiegħet lill-attur

*magħmul ċar mill-istess aħwa Brincat li qed jgħidu li huwa impossibbli li ż-żebgħa tagħhom tirqaq biż-żmien*"[32]. Wara li huwa saħansitra għamel testijiet kimiċi fuq għadd ta' kampjuni meħudin kemm miż-żebgħa P1999 u wkoll minn P2006 (iż-żebgħa l-"friska" li għaddietlu S&R biex isir it-tqabbil maż-żebgħa mibjugħa lill-attur), wasal għall-fehma li r-riżultati li tatu P1999 kienet turi "possibilita' sinjifikanti" li dik iż-żebgħa kienet difettuża meta ħarġet mill-fabbrika[33]. Wasal għall-fehma wkoll li l-attur (jew min kien imqabbad mill-attur) ma kienx applika ħażin iż-żebgħa fuq il-biċċiet tal-għamara u dak li ġara ma kienx kawżat minn metodu ħażin, imma miż-żebgħa nnifisha[34];

Illi madankollu, l-perit tekniku qal li ladarba ż-żebgħa wriet dik l-irtuba fl-2006, messha kienet tidher ħafna aktar ratba meta nbiegħet lill-attur u li min kien qed jużaha biex jiżbogħ biha messu ntebah mill-ewwel li ma kenitx tajba u waqaf jużaha qabel ma kompla jiżbogħ l-għamara kollha u jikkonsenja x-xogħol miżbugħ bi prodott bħal dak. Meta kien mistoqsi fl-eskussjoni x'seta' jagħmel l-attur biex jintebah li ż-żebgħa ma kenitx nixfet, il-perit wieġeb li kieku dak li jkun ħakk imqar xi wiċċ li kien ingħata ż-żebgħa, kien jirriżulta ċar biżżejjed dan kollu. Min-naħa l-oħra, meta wieġeb għall-bosta mistoqsijiet li S&R għamlitlu in eskussjoni u bi tqabbil ma' riżultati li hija kienet kisbet *ex parte* minn laboratorju fir-Renju Unit, huwa baqa' jtenni li dawk ir-riżultati ma jwaqqgħu xejn mill-fehmiet u konklużjonijiet li huwa wasal għalihom fir-rapport tiegħu;

Illi għal dawn il-fehmiet, S&R issottomettiet[35] li hemm spjegazzjonijiet li dawn il-fehmiet mhux tabilfors huma tajbin. Il-Qorti qieset l-argumenti kollha ta' S&R f'dan ir-rigward. Madankollu, ma jidhrilhiex li hija tista' toqgħod fuqhom bla ma tkun qiegħda ssegwi mixja mibnija fuq konġetturi u żgur, fil-fehma tagħha, anqas empirika u ċerta minn dik li jwasslu għaliha l-fehmiet tal-perit tekniku minnha maħtur. Minbarra dan, lanqas ma jgħodd l-argument tagħha li, ladarba l-verżjonijiet mogħtija minnha

[32] *Ibid.* f'paġ. 135 tal-proċess
[33] *Ibid*, f'paġ. 139 tal-proċess
[34] *Ibid.* f'paġ. 140 tal-proċess
[35] § 3.2.1 f'paġġ. 215 – 9 tal-proċess

u mill-attur huma daqstant kontrastanti u t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, l-Qorti għandha tiffavorixxi t-teżi tagħha fuq il-bażi li *actore non probante reus absolvitur*[36], u dan għaliex, fil-fehma tagħha, l-konklużjonijiet milħuqa mill-perit minnha maħtur jistabilixxu ċirkostanza li tagħti lill-verżjoni tal-attur kwalita' li wieħed jista' joqgħod fuqha;

Illi, għalhekk, il-Qorti qiegħda tadotta l-fehmiet tal-perit tekniku minnha maħtur u tasal għall-fehma li ż-żebgħa li S&R biegħet lill-attur ma kenitx tal-kwalita' miftehma u għalhekk l-ewwel talba tiegħu hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi, madankollu, qabel ma tgħaddi għall-istħarriġ taż-żewġ talbiet l-oħrajn tal-attur, il-Qorti jidhrilha li huwa xieraq u meħtieġ apsett ġuridiku li qajmet S&R fis-sottomissjonijiet tagħha u li sejħitlu "punt proċedurali preliminari"[37]. Il-Qorti jidhrilha li l-punt huwa sostantiv u ta' rilevanza mhux traskurabbli għall-għażla ta' rimedju li l-attur qiegħed jitlob f'din il-kawża;

Illi S&R sewwa tirrileva li l-attur għażel l-ewwel wieħed miż-żewġ rimedji li l-artikolu 1390 jagħti lix-xerrej – jiġifieri li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob li jingħata prezzha lura flimkien mad-danni. Hija żżid tgħid li ladarba l-attur ma raddilhiex lura ż-żebgħa li biegħetlu, anzi użaha fuq l-għamara kollha li kellu jikkonsenja, tilef il-jedd li jagħżel dan ir-rimedju;

Illi huwa mgħallem li d-dmirijiet mistennija mil-liġi dwar xerrej li ma jridx iżomm il-ħaġa mibjugħa lilu minħabba r-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 1390 huma dawk "attivi" tal-effettiv rifjut u mhux dawk "passivi" li wieħed joqgħod jistenna li l-bejjiegħ jirtira l-ħaġa mhix aċċettabbli, l-iżjed meta l-liġi trid li l-ispejjeż tal-ġarr tal-ħaġa mibjugħa jbatiha x-xerrej[38];
Illi, minbarra dan, ir-radd lura lill-bejjiegħ tal-ħaġa mixtrija misjuba mhix tal-kwalita' miftehma huwa rekwiżit kruċjali għas-suċċess tal-azzjoni ta' tħassir tal-kuntratt ta' bejgħ u xiri maħsuba fl-artikolu 1390, u huwa l-element li jagħraf

---

[36] App. Inf. PS **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Enrico Camilleri vs Martin Borġ***
[37] § 3 f'paġġ. 211 – 3 tal-proċess
[38] Art. 1383(4) tal-Kap 16

dik l-azzjoni mill-azzjoni estimatorja (*vel quanti minoris*), fejn ix-xerrej ikun qiegħed jippretendi biss it-tnaqqis fil-prezz u mhux it-tħassir tal-kuntratt. Minn dan l-aspett, l-għażla mogħtija lix-xerrej fl-artikolu 1390 tista' tixxiebah mal-għażla mogħtija lix-xerrej dwar il-garanzija tad-difetti mistura fil-ħaġa mixtrija, għalkemm iż-żewġ għamliet ta' azzjoni huma msejsin fuq kunċetti għal kollox differenti. Dwar dan, ingħad mill-Qrati tagħna li "*Fondamentali ... hu l-prinċipju li l-actio redhibitoria kienet timponi fuq il-kompratur 'li jagħti lura l-ħaġa' u ċjoe' r-restituzzjoni ta' l-oġġett mixtri mill-venditur u kontestwalment li 'jitlob ir-radd tal-prezz'. Il-liġi ma tippermetti allura l-ebda alternattiva oħra lill-kumpratur li jagħżel li jaġixxi bl-azzjoni redibitorja. Fil-verita' allura l-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa' jżomm l-oġġett f'idejh u li jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tiegħu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oġġett mibjugħ għaliex ikun irriskontra d-difett latenti jagħti lura l-ħaġa lill-venditur*"[39]. Dan it-tagħlim jgħodd ukoll fejn l-azzjoni (jew l-eċċezzjoni) tkun dwar ħaġa mressqa mill-bejjiegħ li ma tkunx tal-kwalita' miftehma[40];

Illi l-ħarsien ta' dan l-obbligu tax-xerrej (ladarba jkun għażel li ma jridx l-oġġett) jaf il-ħtieġa tiegħu għall-fatt li l-effett tal-azzjoni redibitorja huwa wieħed li jħassar in-negozju u li jerġa' jqiegħed lill-partijiet fl-istess qagħda li kienu qabel intlaħaq il-ftehim[41]. Dan jingħad għaliex l-oġġett ikun irid jintradd lura fl-istess kundizzjoni u stat li kien meta ntlaħaq il-ftehim. Għalhekk, jekk kemm-il darba l-ħaġa ddum f'idejn ix-xerrej u tilħaq titgħarraq, ma jkunx jista' jintlaħaq l-għan tar-rexissjoni. Dan jingħad b'qawwa akbar jekk it-tgħarriq iseħħ bil-fatt tal-imġiba tax-xerrej[42];

Illi huwa minħabba f'hekk li l-awturi jisħqu li ż-żamma min-naħa tax-xerrej tal-ħaġa mixtrija meta ma tkunx tal-kwalita' miftehma "*preclude l'azione di risoluzione, non per la sola materiale impossibilita` di rimettere le parti nelle condizioni nelle quali si trovavano nel momento del*

[39] App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Busietta noe vs Borġ Cardona et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1085**)
[40] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***L & D Attard Co. Ltd. vs Eurometal Co. Ltd.***
[41] Art. 1209(1) tal-Kap 16
[42] Ricci Diritto Civile Vol VII, par 183; u Borsari Commentario del Codice Civile Italiano Vol IV.

*contratto, bensi` in quanto costituisca una non equivoca dimostrazione di un comportamento incompatibile con la volonta` e con la finalita` di provocare lo scioglimento del vincolo ed una dimostrazione del fatto che l'acquirente abbia inteso accettare la res compravenduta nonostante la presenza dei vizi o difetti*"[43];

Illi l-fatt li l-ħaġa mibjugħa kienet tikxef li m'hijiex tal-kwalita' miftehma biss wara li tkun intużat huwa ċirkostanza rilevanti wkoll, imma sa ċertu punt. Fil-każ tal-lum (u kif sejjer jissemma aktar 'il quddiem ukoll), l-attur kien xtara konsenji rilevanti mingħand S&R f'aktar minn okkażjoni waħda. Qiegħed jilminta minn kollha u li l-ebda ħaġa li taha ż-żebgħa ma ħarġet tajba. Minkejja li kien biss bl-użu taż-żebgħa li ħareġ li ma kenitx tal-kwalita' miftehma, dan ma jfissirx li kellu juża ż-żebgħa kollha qabel ma jintebah b'dan. Kien mistenni li, hekk kif ix-xogħol beda juri li mhux qed jagħlaq, l-attur jieqaf, jagħmel aċċertamenti xierqa (jekk irid, billi jqabbad lil min jifhem) u jekk jirriżultalu li ż-żebgħa ma kenitx tajba, iroddha lura jew jiddepożitaha taħt l-awtorita' tal-Qorti. Il-fatt li x-xogħol kien meħtieġ b'għaġġla u fi żmien qasir kontra l-ħlas ta' penali ma jiġġustifikax li l-attur jonqos minn dan id-dmir. In-nuqqas min-naħa tax-xerrej li jrodd lura l-ħaġa mixtrija jekk ma tkunx tal-kwalita' miftehma tqies li f'azzjoni bħal din "irrimedjabilment jippreġudika l-pożizzjoni tiegħu"[44];

Illi f'dan ir-rigward, is-sottomissjoni ta' S&R hija waħda tajba u pertinenti għall-każ;

Illi għalhekk, ladarba l-attur għażel li jsejjes l-azzjoni tiegħu fuq ir-rimedju "radikali" tat-tħassir tal-kuntratt tal-bejgħ, u ladarba, għar-raġunijiet li għadhom kemm issemmew, jonqos element essenzjali biex tirnexxi l-azzjoni, il-Qorti lanqas għandha għalfejn tistħarreġ il-kwestjoni tad-danni mġarrba mill-attur jew dik tar-radd lura tal-prezz taż-żebgħa. Il-każ kien jieħu xejra oħra kieku l-atturi bena l-azzjoni tiegħu fuq l-għażla "estimatorja" l-oħra li jipprovdi l-artikolu 1390, għaliex kieku ż-żamma u l-użu

[43] Cassaz. **8.11.1965** nru. 2327
[44] App. Inf. PS **23.5.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Mekanika Ltd vs Masco Security Services Ltd***

taż-żebgħa ma kinitx tkun ta' xkiel għas-suċċess tal-azzjoni. Imma anke f'dik l-ipoteżi, l-liġi ma taħsibx għal-likwidazzjoni tad-danni, iżda għat-tnaqqis fil-prezz bi stima ta' periti;

Illi, biex ikun ingħad kollox, il-pretensjoni tad-danni tal-attur issib xkiel ieħor mhux traskurabbli, wkoll kieku ma kienx hemm iċ-ċirkostanza li għadha kemm issemmiet. Dan għaliex huwa prinċipju ewlieni fid-dritt li l-imġarrab ma jistax jippretendi ħlas ta' kumpens meta jkun huwa nnifsu li ta lok għall-ħsara mill-fatt illeċitu ta' ħaddieħor. Issa f'dan il-każ, il-perit tekniku (bla ma daħal fl-aspett tal-punt legali) deherlu li bniedem tas-sengħa bħalma kien l-attur messu ntebah mill-ewwel li ż-żebgħa li kien qed juża ma kenitx qiegħed tinxef u ma messux baqa' għaddej – kif xehed – ġimgħat sħaħ jiżbogħ dawk il-biċċiet kollha tal-għamara bla ma ħa l-passi raġonevoli meħtieġa biex jara għaliex iż-żebgħa kienet qiegħda tħalli dak l-effett. B'hekk ġie li, bil-fatt li baqa' sejjer bix-xogħol sal-aħħar mingħajr ma qies dak li kien qed jidher max-xogħol, l-attur waqqa' l-ġebla fuq saqajh u ġab ħsara lilu nnifsu li bniedem għaqli kien mistenni li ma jġarrabx. Żgur ma jistax jingħad li l-problema taż-żebgħa ma ħariġx qabel ma kien laħaq intemm ix-xogħol kollu, għaliex ix-xhieda ta' iben l-attur tagħmilha ċara li ftit żmien biss wara li kien beda l-proċess taż-żebgħa, kien diġa' qajjem il-problema ma' S&R u lmenta magħha li ż-żebgħa ma kenitx qiegħda tinxef u lanqas tiksi l-uċuħ b'mod unit;

Illi meta wieħed iqis dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u japplikahom għall-każ li għandna quddiemna, għandu joħroġ ċar li l-attur ma ħarisx b'mod xieraq dak li kien mistenni minnu fil-liġi biex jistħoqqlu jirnexxi fl-azzjoni tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi**, u ssib li ż-żebgħa li l-attur xtara mingħand il-kumpannija mħarrka ma kenitx tal-kwalita' miftehma, għall-finijiet tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili;

Madankollu, **tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** għaliex jonqos element meħtieġ biex l-azzjoni mibdija mill-attur tista' tintlaqa' u dan minħabba li l-istess attur naqas li jrodd lura, jew jiddepożita, ż-żebgħa lilu mibjugħa mill-kumpannija mħarrka kif trid il-liġi; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u bi tħaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kull parti tbati **l-ispejjeż tagħha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------